MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 607/2007

Wara s-Sentenza mogħtija fil-11 ta’ Diċembru, 2000, fl-Atti taċ-Ċitazzjoni Nru. 1885/96AJM fl-ismijiet:

John **MIFSUD**

vs

Anġelo **FARRUĠIA**, Emmanuel Farruġia u Michael Beżżina;

u b’degriet tas-16 ta’ Ġunju, 2008, l-ġudizzju għadda mill-persuna tal-intimat Anġelo Farruġia għal dik ta’ martu Antoinette, stante l-mewt tal-intimat fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta’ Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti (a) tawtoriżżah biex jeżegwixxi għal kollox is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-11 ta’ Diċembru, 2000, fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u dan għall-finijiet tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, (b) tawtoriżżah jgħaddi għall-bejgħ b’subbasta tal-proprjeta’ immobiljari tal-intimati jew ta’ min minnhom, ħalli bil-prezz li jiddaħħal hu jkun jista’ jirripristina l-art tiegħu skond l-imsemmija sentenza, u dan għall-finijiet tal-artikolu 272 tal-istess Kapitolu 12; u (ċ) tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-19 ta’ Novembru, 2007, li biha laqgħu għat-talbiet tal-attur billi qalu li l-azzjoni ma tiswiex minħabba li r-rikorrent naqas li jaħlef it-talba. Żiedu jgħidu li l-azzjoni hija milquta minn ġudikat, meta l-istess talba (imma fi kliem differenti) tressqet mill-attur wara l-għoti tas-sentenza, u Qorti oħra kienet ċaħdet dik it-talba. Laqgħu billi qalu li l-artikolu 272 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jgħoddx għal qagħda bħal dik li jinsab fiha r-rikorrent;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll dawk relativi għall-kawżi 1885 tal-1996 (il-kawża li s-sentenza tagħha qiegħda tintalab l-eżegwibilita’ mill-ġdid) u 778 tal-2001 (il-kawża li s-sentenza tagħha qiegħed jingħad li toħloq ġudikat għal din il-proċedura);

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-intimati Farruġia waqt is-smigħ tad-29 ta’ Jannar, 2009;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta’ Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex sentenza li ilha żmien li ngħatat terġa' ssir eżegwibbli. Ir-rikorrent irid jerġa' jirrendi eżekuttiva sentenza ta' spoll mogħtija favurih fl-2000[1] li ordnat lill-intimati biex fi żmien tliet (3) xhur, u taħt is-superviżjoni ta' perit tekniku maħtur minnha għall-finijiet tal-istess sentenza, ineħħu t-terrapien u kull materjal ieħor mixħut minnhom f'barriera tal-istess attur, u, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien lilhom mogħti, l-attur ingħata s-setgħa li jagħmel hu x-xogħol ta' tindif meħtieġ bi spejjeż għall-imħarrkin. Minbarra dan, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li din il-Qorti tħallih jgħaddi għall-bejgħ b'subbasta ta' ġid tal-intimati biex, mid-dħul, ikun jista' jħallas l-ispejjeż meħtieġa biex iqabbad lil min inaddaflu l-barriera mill-imbarazz mitfugħ fiha mill-intimati. Talab ukoll l-għoti ta' kull provvediment li l-Qorti tista' tagħti f'dan ir-rigward, u kif ukoll l-ispejjeż;

Illi l-intimati laqgħu billi qalu li l-azzjoni saret ħażin għaliex ir-rikorrent ma ħalifx ir-Rikors tiegħu. Qalu wkoll li dak li qiegħed jitlob hemm sentenza dwaru li saret ġudikat. Żiedu wkoll li r-rimedju li qiegħed jitlob biex ikopri l-ispejjeż tiegħu m'huwiex wieħed li jista' jingħata bi proċedura bħal din tal-lum, imma biss b'kawża "normali";

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-każ</u> jirriżulta li r-rikorrent kien fetaħ kawża ta' spoll f'Ġunju tal-1996 kontra l-intimati Anġlu Farruġia, Emanuel Farruġia u Michael Beżżina. Huwa xlihom li kontra r-rieda tiegħu u bil-moħbi tefgħu materjal ġewwa barriera magħrufa bħala "*Ta' Mona*", fi Triq is-Siġġiewi, fl-Imqabba, liema barriera huwa għandu sehem minnha. Tal-ewwel baqgħu kontumaċi, imma Beżżina talab u ngħata l-jedd li jitħalla jikkontesta l-kawża. Fil-11 ta' Diċembru, 2000[2], din il-Qorti (diversament presjeduta) tat sentenza li sabet favur ir-rikorrent u ordnat lit-tliet imħarrkin biex sa żmien tliet (3) xhur ineħħu t-terrapien u l-materjal mitfugħ fil-barriera tiegħu. Ħatret perit biex jissorvelja x-xogħol meħtieġ u awtoriżżat lir-

[1] Fl-Atti taċ-Ċitazzjoni Nru. 1885/96AJM
[2] Dok "A", f'paġġ. 4 – 8 tal-atti

rikorrent biex, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu x-xogħol li ordnatilhom il-Qorti, jagħmlu hu bi spejjeż tagħhom. Ma tressaq l-ebda appell minn dik is-sentenza;

Illi f'Marzu tal-2001, il-perit arkitett Renato LaFerla mqabbad mill-Qorti fis-sentenza, aċċeda fuq il-post u ħareġ stima tal-ispejjeż meħtieġa biex jitneħħa t-terrapien u materjal ieħor mitfugħ fil-barriera tar-rikorrent[3]. Dik l-istima telgħet għal mija u sebgħa u għoxrin elf ħames mija u tmienja u ħamsin lira Maltija u tmenin ċenteżmi (Lm 127,558.80)[4];

Illi f'Mejju tal-2001, ir-rikorrent fetaħ kawża ta' disprezz kontra l-istess intimati. Fis-16 ta' Settembru, 2003, miet l-intimat Anġelo *sive* Michael-Anġelo Farruġia. Fil-11 ta' Lulju tal-2006, ir-rikorrent ressaq rikors biex il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-intimati. Din it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti fis-7 ta' Novembru, 2006. Fit-28 ta' Marzu, 2007, ingħatat is-sentenza tal-kawża miftuħa fl-2001 billi din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex issib lill-imħarrkin ħatja ta' disprezz. Fil-31 ta' Mejju, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin ma' din il-kawża jolqtu b'mod partikolari l-aspett proċedurali. Din il-Qorti trid tistħarreġ is-siwi tal-azzjoni tar-rikorrent fid-dawl tat-tip ta' azzjoni li huwa għażel li jressaq u kif ukoll fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa. F'dan kollu l-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha li r-rikorrent espressament sejjes din l-azzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti jidhrilha li qabel kull ħaġa oħra trid tistħarreġ **l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari** mqanqlin mill-intimati. Hemm żewġ eċċezzjonijiet – l-ewwel waħda hija dik tas-siwi tal-atti u t-tieni waħda hija dik tal-ġudikat;

Illi **dwar l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att promotur**, l-intimati jressqu lment ritwali. Jgħidu li l-azzjoni tar-

[3] Dok "B", f'paġġ. 9 – 10 tal-atti
[4] Li jġibu € 297,132.10 fi flus tal-lum

rikorrent ma tiswiex għaliex jgħidu li r-rikorrent ma ħalifx ir-rikors tiegħu u b'hekk ma qagħadx ma' dak li jitlob l-artikolu 258 tal-Kodiċi li taħtu nbdiet din il-proċedura. Dan ifisser li l-intimati jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq l-artikolu 789(1)(ċ) tal-istess Kodiċi tal-Proċedura;

Illi din l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Minbarra li l-intimati juru biċ-ċar li qegħdin jiċċitaw l-artikolu 258 kif inhu fis-seħħ fil-verżjoni tiegħu illum (meta nfetħet din il-proċedura l-artikolu 258 ma kienx għadu ntlaqat mill-bidliet li ddaħħlu fih bis-saħħa tal-Att VII tal-2007, li daħal fis-seħħ f'Lulju tal-2007), mill-atti jidher ċar li r-rikorrent kien tabilħaqq ħalef ir-rikors lejlet li tressaq u minn idejn persuna – prokuratur legali – mogħtija s-setgħa li tagħti l-ġurament fil-preżentata tal-atti tal-Qorti[5];

Illi, b'żieda ma' dan, l-intimati ma jgħidu xejn dwar x'preġudizzju irrimedjabbli ġarrbu minħabba dak in-nuqqas immaġinat;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra twarrab dik l-eċċezzjoni;

Illi **dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat**, l-intimati jressqu s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) f'Marzu tal-2007. Ir-rikorrent jisħaq li dik is-sentenza ma toħloq l-ebda stat ta' ġudikat fil-konfront tal-azzjoni tiegħu tal-lum;

Illi biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat iridu jirriżultaw flimkien tliet elementi: jiġifieri, l-istess persuni (*eadem personas*), l-istess oġġett (*eadem res*) u l-istess kwestjoni (*eadem causa petendi*) li tkun inqatgħet bis-sentenza ta' qabel. In-nuqqas ta' waħda minn dawn it-tliet elementi jwaqqa' wkoll l-eċċezzjoni tal-ġudikat[6]. Biex jissussisti l-element tal-identita' tal-kwestjoni, jeħtieġ li l-kwestjoni tkun diġa' ffurmat "il-mertu tal-konjizzjoni ġuridika preċedenti konkluża b'sentenza"[7];

---

[5] Art. 156(3) tal-Kap 12
[6] Ara, per eżempju, P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmea Paċe vs Edward Pavia***
[7] Ara, per eżempju, App. Inf. **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***

Illi jekk wieħed iqabbel x'qiegħed jitlob ir-rikorrent f'din il-kawża (jiġifieri li jirrendi eżegwibbli sentenza li ngħatat favurih bosta snin ilu) ma' dak li qatgħet is-sentenza li l-intimati jgħidu li toħloq il-ġudikat fil-konfront tiegħu (sentenza dwar talba għal sejbien ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti), wieħed irid jasal għall-fehma li ż-żewġ proċeduri huma *toto coelo* maqtugħa minn xulxin min-natura tagħhom u mill-għan (il-*causa petendi*) li riedu jiksbu. Dan jgħodd ukoll jekk iż-żewġ azzjonijiet tnisslu mis-sens ta' frustrazzjoni li r-rikorrent jinsab fih bin-nuqqas tal-intimati li jwettqu dak ordnat lilhom bis-sentenza oriġinali. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ ma jikkonkorrux it-tliet elementi meħtieġa biex trieġi l-eċċezzjoni;

Illi, għalhekk ukoll, il-Qorti sejra twarrab din it-tieni eċċezzjoni;

Illi l-Qorti sejra tqis issa **l-aspetti marbuta mal-mertu tal-azzjoni.** Xieraq jiġi iċċarat minnufih li t-talba ewlenija tar-rikorrent hija dik li tirrendi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti f'Diċembru tal-2000 eżekuttiva mill-ġdid. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li, fi proċedura bħal din, dik hija t-talba waħdanija li trid issir u dan għaliex sentenza li tkun saret ġudikat għandha ħajja ta' żmien limitat ta' snin, u wara li jgħaddi dak iż-żmien is-saħħa eżekuttiva tagħha tintemm. Dan għaliex huwa meqjus li ż-żmien imsemmi mil-liġi huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, u ladarba dak iż-żmien jagħlaq, biex sentenza (jew titolu eżekuttiv ieħor) terġa' tikseb ħajja eżekuttiva ġdida trid issir talba lill-Qorti[8];

Illi l-kwestjoni li nqalgħet bejn il-partijiet inħolqot minħabba li r-rikorrent, flimkien mal-ewwel talba tiegħu, żied talbiet oħrajn bil-ħsieb li din il-Qorti tagħti rimedji u direttivi biex, fl-aħħar, ir-rikorrent ikun f'qagħda li jesegwixxi dik is-sentenza;

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li azzjoni bħal din tal-lum ma tistax isservi la bħala appell mill-ewwel sentenza u lanqas bħala ritrattazzjoni tagħha. Dik is-

[8] App.Kumm. **4.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea Testaferrata noe vs Borġ et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.55)**

sentenza saret ġudikat u għalhekk is-sewwa li fiha sentenza bħal dik ma jerġax jinfetaħ għad-diskussjoni[9]. Iżda wieħed jista' jressaq provi dwar dak li jkun seħħ **wara** l-għoti ta' sentenza bħal dik li tagħha qegħda tintalab it-tiġdid tal-eżegwibililita'. Dan huwa għall-ġid ta' kull parti – kemm għal dik li tkun rebħet fl-ewwel sentenza (minħabba li tista' tressaq provi li minn dak li rebħet ma tkun tħallset xejn) u kif ukoll għall-parti li tkun tilfet dik il-kawża (minħabba li jkun ta' ħsara għaliha jekk kemm-il darba ma tkunx tista' turi, per eżempju, li l-ammont kanonizzat bl-ewwel sentenza tkun ħallsitu jew inħafrilha jew jekk kienet ordnata tagħmel xi ħaġa fil-fatt tkun wettqitha). Imma din il-possibilita' trid dejjem isseħħ fil-limiti speċifiċi ta' azzjoni bħal din;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed iżid żewġ talbiet: waħda (i) biex din il-Qorti tawtorizzah ibigħ taħt irkant miżmum mill-Qorti ġid immobbli tal-intimati biex, bid-dħul, ikun jista' jagħmel tajjeb għan-nefqa li jrid jidħol għaliha biex inaddaf il-barriera mill-imbarazz mixħut fiha, u l-oħra (ii) biex din il-Qorti tagħti direttivi oħra xierqa biex dan kollu jseħħ. Ir-rikorrent jgħid li dawn it-talbiet jistgħu jsiru minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 272 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li "*Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa ta' liġi li tgħid kontra, il-Qorti tista', matul l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv fuq rikors tal-uffiċjal esekuttiv tal-Qorti, jew tal-partijiet, jew ta' persuna interessata oħra, bla ma ddewwem l-esekuzzjoni, tagħti dawk il-provvedimenti li jkunu meħtieġa sabiex tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tal-partijiet*";

Illi l-intimati jisħqu li dak l-artikolu ma jgħinx lill-parti rikorrenti li tkun fetħet proċedura taħt l-artikolu 258 tal-Kodiċi, u jargumentaw li biex ir-rikorrent jikseb ir-rimedju mitlub minnu fit-tieni u t-tielet talbiet tiegħu, irid jiftaħ kawża ġdida bil-proċedura "normali" tar-Rikors Maħluf ħalli jikseb sentenza mill-Qorti. Din il-Qorti taqbel biss f'biċċa minn din is-sottomissjoni. Taqbel safejn dak l-argument jirrigwarda l-għamla ta' talbiet u ta' rimedju li jista' jintalab taħt l-artikolu 258, u taqbel ukoll dwar l-għan

[9] App Kumm.**11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Bonniċi noe et vs Paul Ċilia et*** (mhix pubblikata)

tal-artikolu 272, imma ma taqbilx magħhom fejn jgħidu li r-rikorrent irid tabilfors jiftħilhom kawża ġdida;

Illi hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li l-artikolu 272 jgħodd biss fejn il-Qorti tintalab tagħti provvedimenti “matul l-eżekuzzjoni ta’ titolu eżekuttiv”. Dan jitlob tabilfors żewġ elementi, jiġifieri (a) l-eżistenza fis-seħħ ta’ att eżekuttiv (għaliex huwa biss permezz ta’ dawn li sseħħ l-eżekuzzjoni ta’ titolu eżekuttiv) u (b) li r-rimedju jintalab waqt l-eżekuzzjoni ta’ dak l-att. Il-liġi tgħid x’inhuma l-atti eżekuttivi[10], u kawża pendenti m’hijiex wieħed minnhom. Mela ż-żewġ talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jitqiegħdu taħt il-kenn tal-artikolu 272;

Illi, min-naħa l-oħra, la darba l-ewwel talba tar-rikorrent sejra tintlaqa’ se’ jkun miftuħ għalih li jipprova mill-ġdid jeżegwixxi s-sentenza bla ma jkollu jiftaħ kawża ġdida kontra l-intimati, kif jissuġġerixxu huma li jmissu jsir. Tajjeb li wieħed jgħid li f’dan ir-rigward il-leġislatur, fl-aħħar żminijiet, ħaseb biex idaħħal rimedji effikaċi fis-sistema proċedurali tagħna dwar l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi maħsuba sewwasew għal każijiet – bħal dan tal-lum – fejn il-parti telliefa f’kawża tonqos jew tipprova taħrab minn dak li tkun ġiet b’sentenza kundannata tagħmel jew tħallas. Huwa minnu li dawn ir-rimedji[11] ma kinux għadhom daħlu fis-seħħ fiż-żmien li r-rikorrent ressaq din il-kawża, imma llum huma disponibbli għalih u jista’ jinqeda bihom ladarba s-sentenza li ngħatat favurih disa’ snin ilu sejra terġa’ tingħata ħajja esekuttiva;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-intimati għaliex m’humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent** billi tordna li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-11 ta’ Diċembru, 2000, fl-atti taċ-Ċitazzjoni 1885/96AJM, fl-ismijiet premessi terġa’ ssir eżegwibbli mir-rikorrent fit-termini msemmija f’dik l-istess

---

[10] Art 273 tal-Kap 12
[11] Per eżempju, dawk maħsuba fl-artt. 305 *et seq* u 388E tal-Kap 12

sentenza u dan billi għadda ż-żmien maħsub mil-liġi biex tibqa' eżegwibbli;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-intimati u b'hekk **tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent,** billi r-rimedji li huwa jitlob fihom m'huwiex posthom f'kawża bħal din, u dan bla ħsara għal rimedji oħra preskritti mil-liġi għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza; u

Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tordna li **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------